# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 22 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 17**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 430/2020 JVC**

**Victor Attard u**
**Josephine Attard**

**vs**

**Jonathan Borg u Claire Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat bil-procedura tal-giljottina fejn ir-rikorrent Victor Attard et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond numru **Venica Building, Flat 2, Triq Marmora, San Giljan, u tal-garage**

**sottostanti l-istess Venica Buildings, Triq ta' Mormora, San Giljan** kif jirrizulta mill-kuntratt ta' 31 ta' Mejju 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, **"Dokument A"** hawn anness, liema fondi huma okkupati mill-intimati Jonathan Borg u Claire Borg minghajr ma jhallsu kera u/jew xi kumpens iehor lill-atturi;

2. Illi r-rikorrenti ilhom jitolbu lil Jonathan Borg u Claire Borg biex jirritornaw c-cwievet tal-fond stante illi ma jridux illi huma jokkupaw l-imsemmija fondi u jriduhom illi jirritornawhom lis-sidien;

3. Illi minkejja li huma gew mitluba biex jaghmlu dan, anke permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 2019 illi kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dokument B**", huma baqghu inadempjenti;

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex l-intimati jizgombraw mill-fondi in kwistjoni;

**Ghaldaqstant,** jghidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhiex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

**(l) Tipprocedi** ghas-sentenza skond it-talba tal-attrici bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**(ll) Tikkundanna** lill-intimati sabiex jizgombraw mill-fond Venica Building, Flat 2, Triq Marmora, San Giljan u mill-garaxx sottostanti l-istess Venica Buildings, Triq ta' Mormora, San Giljan, li huma qed jokkupaw minghjar titolu, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom ffissat minn din il-Qorti;

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 2019, "Dokument A", u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.**

Rat illi l-intimati debitament notifikati ma deherux.

Rat illi l-attur talab li l-Qorti tghaddi ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat inkluz il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 31 ta' Mejju 1989 li jevidenzja illi l-fond imsemmi fl-istess rikors guramentat huwa appuntu proprjeta' tar-rikorrenti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur Victor Attard kif ukoll semghet ix-xhieda tal-istess Victor Attard minn fejn jirrizulta illi l-fond huwa prorpjeta' tieghu u ta' martu u li l-intimata Claire Borg binthom illum il-gurnata m'ghadhiex tirrisjedi fl-istess fond, filwaqt li Jonathan Borg jirrisjedi fil-fond izda minghajr ebda titolu tant li qatt ma hallas ebda kera fuq l-istess;

Rat illi l-intimati debitament notifikati naqsu mill jidhru meta msejjha tlett (3) darbiet minn din il-Qorti;

Ikkonfermat li fl-atti l-pretensjonijiet tal-atturi bl-ebda mod ma gew kontestati la verbalment wisq anqas bil-miktub.

**Decizjoni**

In vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-fond Venica Building, Flat 2, Triq Marmora, San Giljan u mill-garaxx sottostanti l-istess Venica Buildings, Triq ta' Mormora, San Giljan fi zmien xahar mil-lum;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' Settembru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Settembru 2020**